**21 ta' April, 1960**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Carmela Cassar

*versus*

Giuseppe Cassar

**Komunjoni tal-Akkwisti — "Gratuity"**

*Il-"gratuity" li bniedem impjegat jiehu meta jirtira mix-xoghol tidhol fil-komunjoni tal-akkwisti.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li tippremetti illi bejn il-kontendenti ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali b'sentenza ta' din il-Qorti tal-ewwel ta' Marzu 1952, fejn ġie dikjarat li s-separazzjoni saret b'tort u htija tal-konvenut, fost hwejjeġ ohra minhabba adulterju, ghal liema kawża tintaghmel riferenza; u illi f'dik il-kawża ma ġietx xjolta u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti, ghaliex ma ġietx mitluba; titlob illi, premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, tiġi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti u likwidata, billi tiġi dikjarata konsistenti mill-effetti kollha tal-kontendenti maghmula matul iż-żwieġ taghhom; u li dan l-assi soċjali hekk likwidat, jiġi diviż f'żewġ porzjonijiet ugwali, u wahda minnhom tiġi assenjata lilha u l-ohra lill-konvenut; u dan ghar-raġunijiet fuq imsemmija u ghal kwalunkwe raġuni ohra valida fil-liġi. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-18 ta' Novembru 1959 u tat-23 ta' Novembru 1959, u tal-mandat ta' qbid tat-28 ta' Novembru 1959;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

*Omissis;*

Illi s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ġiet minn din il-Qorti pronunzjata, kif ingħad, għall-ħtija tal-konvenut, fuq il-kawżali, ċjoè, ta' adulterju, inġurji gravi u sevizji; u l-konvenut ġie kundannat li għandu jsofri s-sanzjonijiet tal-liġi kontemplati fl-art. 56, 58, 59 u 60 tal-Kodiċi Ċivili. Taħt dan l-aspett, din il-Qorti hi tal-fehma li għandha takkorda t-talba tal-attriċi għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti msemmija. Del resto, kif jidher minn nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu, il-konvenut ma jopponix ruħu għal dan ix-xoljiment;

Illi l-attriċi qegħdha titlob ukoll il-likwidazzjoni tal-istess komunjoni, u l-konvenut lanqas ma jopponi ruħu għal din il-likwidazzjoni. L-attriċi tirrikonoxxi li fil-kors taż-żwieġ tagħha mal-konvenut ma sar ebda akkwist. Hija biss tgħid li l-konvenut żewġha kien jaħdem id-Dockyard bħala "plumber" — ċirkustanza li tirriżulta mill-atti tal-kawża msemmija; u li minn dan l-impjeg huwa spiċċa fl-14 ta' Settembru 1959, u in segwitu għal din it-terminazzjoni huwa rċieva mill-awtoritajiet "gratuity" ta' £268, u għandu pensjoni ta' £8 fix-xahar. L-attriċi qegħdha tillimita d-domanda tagħha tal-likwidazzjoni għal din is-somma. Il-konvenut jissottometti li l-"gratuity" msemmija ma għandhiex tiġi kompriża fil-komunjoni tal-akkwisti;

Illi fil-ġurisprudenza maltija hu paċifiku li l-"gratuity" li l-impjegat jieħu meta jirtira mix-xogħol tidħol fil-komunjoni tal-akkwisti (Vol. XXIII-II-136; XXV-II-280; XXVIII-I-546; XXIX-II-96, 906). Kif ġie verbalizzat fis-seduta tat-22 ta' Marzu 1960, il-konvenut jirrikonoxxi li l-"gratuity" li huwa rċieva mill-awtoritajiet tad-Dockyard tammonta għal £268;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi skond id-domandi tal-attriċi billi (1) tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti; (2) tillikwida din il-komunjoni fis-somma ta' £268, u tiddividiha f'żewġ porzjonijiet ugwali, li minnhom tassenja waħda, ta' £134, lill-attriċi, u l-oħra, ukoll ta' £134, tassenjaha lill-konvenut. L-ispejjeż tal-kawża, minbarra dawk relattivi għat-tieni domanda, li għandhom jiġu sopportati mill-kontendenti nofs kull wieħed, iħallashom il-konvenut.